**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 20**

**12 ta' Awwissu 2025**

Il-laqgħa numru 20 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 12 ta' Awwissu, 2025 fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier (online) |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **20** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri ta' apoloġiji |
| | |
| **20.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Matthew innota li kien hemm xi inkorrezjonijiet fil-minuti. Dawn ġew diskussi u għalhekk il-minuti ser jiġu tranġati u preżentati fil-laqgħa li jmiss. |
| | |
| | Hawnhekk daħlet Miriam |
| | |
| **20.2** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' Transport Malta, L-uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll, il-Pulizija li dawn ltaqgħu mal-operaturi tal-boat trips sabiex dawn jażlu hekk jixtiequx venda jew joperaw għal-rashom. Is-Sindku informa li din il-laqgħa damet aktar minn 6 sigħat. Wara din il-laqgħa TM ġew jimmarkaw il-ħoloq, u minħabba f'hekk il-Kunsill setgħa jagħmel il-marki biex l-operaturi jarmaw fihom l-umbrella, u l-mejda bil-qisien li ħarġu mal-permess. Il-permess jorbot ukoll li l-operatur ma jistgħux jagħmlu riklami oħra lanqas fuq id-dgħajjes jew boards.<br><br>Is-Sindku informa ukoll li ser jibdew jitwaħlu l-karti tal-iżgombru u l-affarijiet ser jitneħħew. |
| | Is-sindku informa li kellu laqgħa flimkien mas-segretarja u rapreżentanti tat-taxis il-bojod fi Transport Malta. F'din il-laqgħa kien hemm rappreżentanti ta' Bolt u open top busses. Għaldaqstant f'din il-laqgħa ġie discuss li l-yplates qed jgħalqu l-pjazza għax qed iwaqffu nies hemmhekk. Għalhekk ġie discuss li jkun hemm area fejn iniżżlu u jtellgħu n-naħa tal-kooperattiva. Dan jista' jsir bis-sistema ta' GeoFencing.<br><br>Fuq l-Open Top busses ġie diskuss li dawn qed iwaqqfu f'żewġ postijiet fi Triq ix-Xatt, u TM qalu li dawn mhux suppost qed iwaqqfu hemm. Għalhekk ġie deċiż li dawn ma jwaqqfux f'dawn il-postijiet imma ser issir spazju apposta għal dawn il-busses f'Xatt is-Sajjieda ma' Triq il-Luzzu. Il-Ħadd dawn ser jiġu minn naħa tal-Qajjenza u jidħlu minn quddiem tal-futbol u jduru għal Triq Arznell.<br><br>Il-Coaches ser iħottu ħdejn il-ground minn naħa ta' barra bein id-9.00am u 16.30. |
| | Is-Sindku informa ukoll li hu u segretarja kellhom meeting ma CAA fejn ġie diskuss il-proġett tal-panelli fil-carpark u installazzjonijiet oħra ta' pannelli u charging pillars |
| | Is-Sindu informa li jixtieq jgħamel ordni fuq l-imwejjed u siġġijiet tar-ristoranti peress li ħadd ma jaf liema biċċa għandu min. Għalhekk jixtieq li dipartiment |

| | |
|---|---|
| | tal-artijiet jgħatti lil kunisill liema restorant jista' jopera mill-liema area. |
| | Is-Sindku informa li Reġjun Nofsinhar kien bagħat email fuq il-ħinijiet tal-ġbir taż-żibel. Dawn kienu qed jieħdu l-kummenti tal-kunsilli hekk jinbidilx il-ħin tal-ġbir għal dak ta' filgħaxija. Wara diskussjoni, l-kunsill qabel li ġbir tal-iskart f'Marsaxlokk jibqa' jsir filgħodu. Dan minn ħabba diversi fatturi fosthom:<br>• It-Traffiku f'Marsaxlokk hu aktar filgħaxija milli filgħadu apparti minn dan, minn jaħdem bix-shift ser jispiċċa joħroġ l-iskart xorta filgħodu u speċjalment fix-xhur sħan dan ser iġib ħafna aktar intejjen.<br>• L-anzjani speċjalment fix-xitwa jidħlu jorqdu kmieni u għalhekk l-ħin ma jistax li l-ħin ikun filgħaxija peress li ser nispiċċaw b'ħafna boroż li jdumu ma jinġabru u ħa jdumu aktar barra.<br>• Marsaxlokk hu post turistiku u b'hekk ser ikun hemm ħafna boroż barra fil-ħin li jkun hemm it-turisti |
| | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tipproponi li l-kunsilli li jridu jistgħu jibdew jiġbru l-pagamenti tal-ARMS. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera. |
| | Is-Sindku informa li ġie ikkuntattjat minn TVM għal Programm Ħadd mill-pjazza. Dawn jixtiequ jiġu jgħamlu programm mill-pjazza tar-raħal waqt attività li jkun qed jorganizza l-kunsill. Il-Kunsill qabel li nistednuhom għal 31 ta' Novembru fil-Mixegħla tal-Milied. |
| | Il-kunsill rċieva ittra mingħand is-Sur Carabott sabiex jopera stall għal operaturi tat-turisti għad-dgħajjes. Dan għandu tinda quddiemu u għalhekk ma jistax jopera bir-regola tal-5 metri. Il-Kunsill iddeċieda li dan għandu jaħdem fis-sinjal dritt li kien qed jiġi immarkat. Qtugħ ta' tickets irid isir mal-ħolqa. |
| | |
| **20.3** | **Mistoqsijiet** |
| | Miriam saqsiet għaliex il-latrina qed tkun magħluqa fis-7pm. Is-Sindku wieġeb li l-ħinijiet huma mis-7am sa 7pm. |
| | Reno saqsa fuq Jum Marsaxlokk u sindku wieġeb li qed toħroġ l-informazzjoni għan-nominazzjonijiet |
| | Matthew saqsa kif ingħalqet is-sejħa għas-segretarju eżekuttiv. Id-DES wieġbet li l-unika persuna li ġiet imsejħa għal intervista iddeċiedid li tritira. Għalhekk hi infurmat lid-dipartiment sabiex jagħtuna aktar kandidati. S'issa ma kienx hemm aktar kandidati |
| | Matthew saqsa ukoll fuq l-objection ta' Triq iż-Żejtun. Daniel qal li din kienet għada ma ntbatitx imma terminu tal-oġġezjonijiet kien għalaq. Matthew saqsa x'kien ser jiġri fuq il-jogging track. Is-Sindku wieġeb li alissa ma kien sar xejn. Matthew saqsa ukoll għal kameras fi Triq il-Barrakki. Is-Sindku qal li kien qed jaħdem fuqhom. |
| | |
| **20.4** | **Approvazzjoni tal-pagamenti u petty Cash** |
| | Ġew preżentati l-listi tal-pagamenti u l-petty cash għax-xahar ta' Lulju/Awwissu. Miriam proponit dawn il-pagamenti u Matthew issekonda |

| | |
|---|---|
| **20.5** | **Approval of Q2** |
| | Id-DES spjegat li għal ewwel darba f'ħafna snin l-FSI jidher li qiegħed posittiv dan wara ħafna sagrifiċċji u provi ta' kif ser nikkontrollaw in-nefqa. Ma jfissirx li l-bilanċ ġie wieħed posittiv jew li dawn il-miżuri ta' kontroll m'għandomx jibqgħu isiru imma jfisser li sejrin fit-triq it-tajba. Hi spjegat ukoll li kien hemm dħul tajjeb mill-permessi u li f'ħafna affarijiet il-kunsill kien qed iżomm mal-budget. Hemm ukoll imma ħafna kontijiet pendenti dan sabiex nikkontrollaw in-nefqa. |
| | |
| **20.6** | **Planning Authority** |
| | Daniel informa li kien beda xogħol fi sqaq bi planning number 359424 u 295424. U qal ukoll li kien ħareġ il-permess għax-xogħol bi planning number 372524. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tas-18.30. Il-Laqgħa li jmiss ser issir fi 23 ta Settembru fl-16.30 |

Konfermati, illum 12 ta' Awwissu, 2025.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

***Proponent*** ***Sekondant***